MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2148/2004

**Emmanuel Delicata & Sons Limited (C28292)**

**Vs**

**Walsh's Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm424.50c (erba' mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti prezz ta' xorb mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u li s-socjeta' konvenuta ammettiet il-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ Lm424.50c (erba’ mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------